# Il-*Benchmark* ta' Tmiem l-Edukazzjoni Primarja

# 2013

# Il-Malti: Il-Fehim mis-Smigħ

# Il-Ħin: 30 minuta

## Il-KARTA TAL-EŻAMINATURI

**NOTA:**

**L-eżami kollu jinqara minn narraturi li leħinhom huwa rrekordjat fuq diska kompatta. Dan l-iskript jinqara BISS f'każ li d-diska kompatta ma taħdimx.**

**Merħba.**
**Matul is-sessjoni tas-smigħ ser tisma' żewġ siltiet.**
**Jekk trid, tista' tibda taħdem l-eżerċizzji fl-iskript li għandek quddiemek waqt li qed tisma' l-qari tas-siltiet.**
**Kull silta, flimkien mal-eżerċizzji, se tinqara darbtejn.**
**Issa nitolbok tiftaħ l-iskript li għandek quddiemek u ssib paġni 2 u 3.**

-------------- *Waqfa ta' 10 sekondi* ---------------

**Għandek ftit ħin biex tara u taqra Taħriġ A u Taħriġ B tal-ewwel silta.**

-------------- *Waqfa ta' 25 sekonda* ---------------

**Issa se tinqara l-ewwel silta. Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.**

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Il-Qari tal-Ewwel Silta: Avviż mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Merqtux**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Merqtux jixtieq javża lir-residenti kollha li, mis-sittax ta' Lulju, elfejn u tlettax, Triq Ġorġ Mercieca u Triq l-Isponsun se jkunu magħluqa għat-traffiku minħabba xi xogħol li se jsir f'dik iż-żona. Triq Ġorġ Mercieca se tinqala' kollha u se jinbidlu l-katusi tad-dranaġġ, filwaqt li Triq l-Isponsun se ssirilha manutenzjoni tal-kanen tal-ilma.

Minħabba f'hekk, dawk li jridu jaslu fil-qalba tar-raħal, iridu jgħaddu minn Triq Nikola Borg, li hi t-triq ta' wara, u jridu jduru lejn il-lemin għal Triq San Ġlormu. Għalissa, il-bandli ta' ħdejn il-pjazza ma jistgħux jintużaw, minħabba li fil-post se jitpoġġew l-inġenji u l-apparat li se jintuża għax-xogħol.

Il-Kunsill iħabbar ukoll li l-provvista tal-ilma u tal-elettriku se tinqata' mit-tmienja ta' filgħodu sal-erbgħa ta' waranofsinhar kuljum minħabba x-xogħol imsemmi, imma terġa' lura għan-normal malli jispiċċaw it-tiswijiet.

Il-Kunsill javża wkoll li l-marċ tal-każin se jgħaddi minn Triq il-Kbira, jibqa' nieżel it-triq kollha u jispiċċa ħdejn il-knisja ż-żgħira. Il-purċissjoni bil-vara ta' San Rafel se tgħaddi mit-toroq tas-soltu.

Il-Kunsill jixtieq jawgura l-festa t-tajba lin-nies kollha ta' Ħal Merqtux fl-okkażjoni tal-festa tar-raħal u jiskuża ruħu għal xi inkonvenjenzi li jistgħu jinqalgħu.

**Tmiem l-ewwel silta**

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Issa se naqralek Taħriġ A.**
**Taħriġ A. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal fil-kaxxa t-tajba.**
**L-ewwel waħda lesta bħala eżempju.**

**Numru wieħed:**
Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Merqtux għandu l-uffiċċju fi Triq San Ġlormu.
Din **Ma ssemmietx**. Għalhekk għamilt sinjal fil-kaxxa ħdejn **Ma ssemmietx**.
Issa se naqralek il-bqija tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tnejn:**
Triq Ġorġ Mercieca se jibdlulha l-katusi tad-dranaġġ.
Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tlieta:**
Min irid jasal fiċ-ċentru tar-raħal għandu jgħaddi minn Triq Nikola Borg.
Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru erbgħa:**
It-tfal tal-iskola se jibdew jgħaddu nofs siegħa l-bandli kuljum.
Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru ħamsa:**
L-ilma u l-elettriku se jkunu maqtugħa l-ġurnata kollha.
Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru sitta:**
Il-Kunsill javża li se ssir kompetizzjoni tat-tpinġija.
Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Issa li qrajtlek Taħriġ A, nistgħu ngħaddu għal Taħriġ B.**

**Taħriġ B. Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B billi ssib it-tweġiba t-tajba u tikteb in-numru fil-kaxxa.**
**L-ewwel waħda lesta bħala eżempju.**

F'Kolonna A, f'numru wieħed, naqraw:
Il-Kunsill Lokali...
F'Kolonna B din is-sentenza tkompli...
... se jagħmel xi xogħlijiet fit-toroq.

Għalhekk ktibt in-numru wieħed fil-kaxxa ta' ħdejha.

Mela s-sentenza sħiħa tiġi:
Il-Kunsill Lokali se jagħmel xi xogħlijiet fit-toroq.

**Issa se naqralek Kolonna A u wara Kolonna B. Waqt li qed naqra, tista' tibda tqabbel iż-żewġ partijiet tas-sentenzi.**

**Kolonna A:**

| | |
|---|---|
| Numru tnejn: | Triq l-Isponsun... |
| Numru tlieta: | Il-bandli jistgħu jintużaw... |
| Numru erbgħa: | Filgħodu... |
| Numru ħamsa: | Id-dawl u l-ilma se jiġu għan-normal... |
| Numru sitta: | Fil-festa tar-raħal... |

**Issa se naqralek Kolonna B:**
... meta jitneħħew l-inġenji.
... mhux se jkun hemm dawl u ilma.
... xorta se ssir il-purċissjoni.
... meta jitlestew ix-xogħlijiet.
... mhux se jgħaddu karozzi minnha.

-------------- *Waqfa ta' 10 sekondi għal min ikun għadu jikteb* ---------------

**Se terġa' tisma' s-silta u t-taħriġ għat-tieni u l-aħħar darba. Waqt li qed tisma' tista' tkompli taħdem u tispiċċa l-eżerċizzji.**

-------------- *Is-silta u t-taħriġ jerġgħu jinqraw, bl-istess waqfiet* ---------------

**Issa se tinqara t-tieni silta. Nitolbok issib paġna 4 u paġna 5.**

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Għandek ftit ħin biex tara u taqra Taħriġ A u Taħriġ B tat-tieni silta.**

--------------- *Waqfa ta' 25 sekonda* ---------------

**Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.**

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Il-Qari tat-Tieni Silta: Trid rikba?**

| | |
|---|---|
| *Tifel:* | Ma, qed tarah dak il-karozzin? Dak li jsuqu taf x'jgħidulu? |
| *Omm:* | Int fejn taf? Ħa nara, għidli! |
| *Tifel:* | Dak kuċċier ma, jgħidulu. L-iskola tkellimna fuq ix-xogħol tal-kuċċier u kantajna għanja wkoll, jisimha 'Ċeklem, ċeklem, karozzin'. Taf kemm hi ħelwa! Tridx inkantalek biċċa? |
| *Omm:* | Issa ħallik mill-kant u ara fejn int miexi, għax hawn ħafna nies u tispiċċa tintilef. |
| *Tifel:* | Ma, ejja mmorru nkellmuh lil tal-karozzin. Nixtieq nara ż-żiemel tiegħu. |
| *Omm:* | Ibni, dak ikun moħħu fix-xogħol, imma jekk trid nistgħu ngħaddu minn ħdejh. Biss ara ma tmissx iż-żiemel! |
| *Tifel:* | Grazzi ma, inwiegħdek li nobdi... Kemm hu sabiħ iż-żiemel li għandek, ħabib! |
| *Kuċċier:* | Jogħġbok, żgħir? Jaqaw tħobbhom l-annimali? |
| *Tifel:* | Iva nħobbhom ħafna. L-annimali kollha nħobbhom, imma ż-żwiemel inħobb l-aktar. Nixtieq li xi darba jkolli żiemel jien ukoll. Lill-mamà kemm-il darba għedtilha biex inrabbu wieħed, imma tgħidli li m'għandniex fejn. |
| *Omm:* | Żiemel jonqosna d-dar! M'għandix biżżejjed x'nagħmel bikom ilkoll! |
| *Tifel:* | Kieku nieħu ħsiebu jien. Ma nħallilekx xogħol, żgur! |
| *Kuċċier:* | X'jismek, żgħir? |
| *Tifel:* | Ryan. |
| *Kuċċier:* | Tridx rikba? Jien lestejt mix-xogħol u sejjer id-dar. Minn fejn intom? Jien se ngħaddi mill-wied. |
| *Tifel:* | Ejja nirkbu ma, ejja nirkbu! Minn hemm tajjeb għalina kieku! Ejja nirkbu! |
| *Omm:* | Immorru la qed joffrilna, imbasta ma toħodlux rasu bid-diskors lil dan ir-raġel. |
| *Tifel:* | Jeee, grazzi xbin! |
| *Kuċċier:* | Mela issa itla' ħdejja ħa nitkellmu ftit fuq iż-żwiemel. Biex ikollok żiemel, Ryan, irid ikollok post addattat għalih. Liż-żiemel tiegħi ma nżommux fil-bitħa, imma għandi stalla ġmielha għalih. Għandu l-ispazju fejn idur. Barra minn hekk, jien nieħu ħsiebu ħafna; innaddaflu, innagħlu, inħallilu x'jiekol u x'jixrob u noħorġu dawra kuljum. Eee Ryan, trid ħafna ħin biex tieħu ħsiebu. Hu jinduna li tkun tħobbu u fil-fatt lili jagħrafni mill-bogħod. |
| *Tifel:* | Kemm nixtieq ikolli żiemel jien ukoll! |
| *Kuċċier:* | Xi darba jkollok, tibżax! Ħa ngħidlek x'nagħmlu. Filgħaxija, meta tlesti x-xogħol tal-iskola, staqsi lill-mamà biex tiġi ħdejja. Mit-tlieta 'l hemm dejjem fl-istalla ssibni. Tista' tiġi ħdejja, tara ż-żiemel tiegħi u tagħmel ħbieb miegħu. Tajjeb? |
| *Tifel:* | Iva, grazzi ħafna ħabib. Niġi żgur. Ma, nista' nibda mmur? |
| *Ommu:* | Ryan, jekk tagħmel xogħlok sew tista' tmur. Issa għidlu grazzi lis-sinjur, ħa mmorru għax wasalna. |

**Tmiem it-tieni silta**

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Issa se naqralek Taħriġ A.**
**Taħriġ A. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel linja taħtha skont dak li smajt fis-silta. L-ewwel waħda lesta bħala eżempju.**

**Numru wieħed:** Ryan u ommu kienu qed jitkellmu
a) waħedhom fil-bitħa tad-dar tagħhom.
b) waħedhom f'nofs ta' triq.
ċ) **qalb folla nies**.

It-tweġiba t-tajba hija **ċ) qalb folla nies**. Għalhekk għamilt linja taħtha.

**Issa se naqralek il-bqija tas-sentenzi u tista' taħdimhom.**

**Numru tnejn**: Ryan kien iħobb ħafna
a) l-klieb tal-kaċċa.
b) l-annimali kollha.
ċ) l-qtates biss.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tlieta**: Ryan
a) ma riedx jirkeb il-karozzin.
b) beda jibża' jirkeb il-karozzin.
ċ) ħa gost li rikeb il-karozzin.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru erbgħa**: Il-kuċċier kien iżomm iż-żiemel tiegħu
a) fil-garaxx ta' wara d-dar.
b) fil-bitħa tad-dar tiegħu.
ċ) fi stalla apposta għalih.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru ħamsa**: Il-kuċċier kien
a) jaħqar liż-żiemel tiegħu.
b) jieħu ħsieb iż-żiemel tiegħu.
ċ) jittraskura liż-żiemel tiegħu.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru sitta**: L-espressjoni ***'ma toħodlux rasu bid-diskors'*** tfisser
a) tkellmu ħafna.
b) ma tkellmux wisq.
ċ) ma toħodlux iż-żiemel.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Issa se naqralek Taħriġ B.**
**Taħriġ B. Imla l-vojt b'kelma waħda skont is-sens tas-silta.**
**L-ewwel waħda lesta bħala eżempju.**

**Numru wieħed:**
L-iskola, __________________tgħallem fuq ix-xogħol tal-kuċċier.
It-tweġiba t-tajba hija **Ryan**. Mela fil-linja l-vojta nikteb **Ryan**.
Issa se naqralek il-bqija tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tnejn:**
Ryan dejjem xtaq li jkollu __________________.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tlieta:**
Omm Ryan dejjem kien ikollha ħafna ______________ x'tagħmel id-dar.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru erbgħa:**
Il-kuċċier ________________ lil Ryan u lil ommu bil-karozzin.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru ħamsa:**
Iż-żiemel kien ________________lil sidu mill-bogħod.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru sitta:**
Ryan seta' jmur ħdejn il-kuċċier meta _________________ xogħlu sew.

--------------- *Waqfa ta' 10 sekondi għal min ikun għadu jikteb* ---------------

**Se terġa' tisma' s-silta u t-taħriġ għat-tieni u l-aħħar darba. Waqt li qed tisma' tista' tkompli taħdem u tispiċċa l-eżerċizzji.**

-------------- *Is-silta u t-taħriġ jerġgħu jinqraw, bl-istess waqfiet* ---------------

**Issa għandek żewġ minuti biex tiċċekkja l-eżerċizzji kollha.**

--------------- *Waqfa ta' 2 minuti* ---------------

**Grazzi. L-eżami tas-smigħ spiċċa. Saħħa!**